MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 53/2007/1

**Direttur tad-Dipartiment ghal *Standards* fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Christopher Burdge**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, ad istanza ta’ Christopher Burdge, minn sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, tal-15 ta’

Gunju 2007 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent (illum appellat) Direttur tad-Dipartiment ghal *Standards* fil-Harsien Socjali (hawn aktar 'il quddiem "id-Direttur") u ordnat ir-ritorn tal-minuri Sam Burdge lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Ir-rikors promotorju sar, ad istanza tad-Direttur, skond ma jipprovdi l-Kap. 410 u in partikolari l-Artikoli 3, 6 u 10 ta' l-imsemmi Kap. 410 (l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, gia` Att XIII tal-1999) u r-regola 4(e) ta' l-a.L. 396/2003[1].

**2.** Permezz tar-rikors tieghu, prezentat fit-23 ta' April 2007, id-Direttur fisser li Sam Burdge kien twieled f'Pullman, Washington, fl-istati Uniti ta' l-Amerika fis-26 ta' Gunju 1993. Ommu u missieru huma Julia Burdge u Christopher Burdge (appellant odjern). Ir-rikors ikompli hekk:

**"Il-minuri Sam Burdge gie mnehhi mis-Sur Christopher Burdge mill-*habitual residence* tieghu, jigifieri Florida, l-Istati Uniti u ingieb Malta f'Lulju 2006;**

**"Illi l-Awtorita` Centrali ta' Malta giet mitluba mill-Awtorita` ta' l-Istati Uniti sabiex, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, jigi skopert fejn jinstab il-minuri u jinkiseb ir-ritorn immedjat tieghu;**

**"Illi fil-fatt instab illi l-minuri qed joqghod flimkien ma' missieru fi Block C, Flat 6, 'Perry Courts', Triq Birkirkara, San Giljan [2];**

**"Illi l-Awtorita` Centrali ta' Malta giet awtorizzata minn omm il-minuri, Sam Burdge, sabiex tagixxi a nom taghha u dan kif jidher mill-awtorizzazzjoni hawn anness…;**

**"Illi l-genituri ghadhom legalment mizzewgin u skond il-ligijiet ta' l-Istat ta' Florida, fl-assenza ta' *Custody***

---

[1] Ara wkoll l-A.L. 397/2003, Skeda, partita 4(e).

[2] Fil-mori ta' l-appell l-appellant indika l-indirizz attwali tieghu bhala 128 Rose Apartments, Flat 1, Swieqi Road, Swieqi – ara n-nota tal-10 ta' Lulju 2007.

***Order*, tfal imweldin minn zwieg li ghadu ma spiccax ghandhom drittijiet ugwali fuq it-tfal minuri;**

**“Illi a tenur ta’ l-Artikolu 61.13 ta’ l-Istatut ta’ Florida, li estratt tieghu qed jigi hawn anness…, matul iz-zwieg il- genituri ghandhom responsabbilta` kongunta fuq it-tfal taghhom. Fil-kaz odjern, il-genituri ta’ Sam ghadhom ma bdewx il-proceduri relattivi sabiex jiksbu d-divorzju;**

**“Illi skond il-ligi civili ta’ Florida, Stati Uniti, ir-responsabbilita` parentali kongunta tfisser li kull genitur jista’ jezercita r-responsabbilita` tieghu minghajr jikser id-drittijiet tal-genitur l-iehor;**

**“Illi fil-kaz odjern is-Sur Christopher Burdge gab lil ibnu minuri f’Malta u konsegwentement biddel il-*habitual residence* tieghu minghajr il-kunsens ta’ l-omm u b’hekk kisser [recte: kiser] id-drittijiet tar-responsabbilta` parentali u agixxa b’mod illecitu ai termini ta’ l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni imsemmija aktar ’il fuq;**

**“Illi l-omm ghandha dritt illi tkun partecipi fid-decizjonijiet importanti fil-bdil tal-*habitual residence* tal-minuri aktar u aktar tenut kont tal-fatt li hija kienet qed tezercita d-drittijiet taghha ta’ genitur skond il-ligi civili ta’ Florida, Stati Uniti, qabel ma l-missier qabad u nehha b’mod illecitu lil dan il-minuri mill-Istati Uniti;**

**“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna r-ritorn tal-minuri gewwa l-Istati Uniti u sabiex fil-frattemp taghti dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri koncernat, inkluz avviz lill-awtoritajiet koncernati, biex huwa jigi salvagwardjat milli jerga’ jittiehed b’mod illecitu minn go Malta ghal xi pajjiz iehor, liema tnehhija taghmel ir-ritorn tal-minuri fil-*habitual residence* tieghu ferm aktar difficli u dan bi ksur esplicitu tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili tas-Sekwestru Internazzjonali ta’ Minuri.”**

**3.** Fir-risposta tieghu ghal dan ir-rikors, Christopher Burdge – apparti eccezzjoni preliminari minhabba l-fatt li r-rikors notifikat lilu kien bl-ilsien Malti u mhux bl-ingliz, liema eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2007 – qajjem zewg difizi bbazati fuq il-paragrafi (a) u (b) ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' l-Ajja dwar Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, liema konvenzjoni, jew ahjar il-partijiet sostantivi u relevanti taghha, jinsabu fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 410. Dawn id-difizi huma, bazikament, li (i) omm il-minuri, Julia Burdge, mhux biss kienet taf u akwijexxiet ghat-trasferiment tat-tifel Sam (u tifel iehor, li pero` llum ghandu sittax-il sena u ghalhekk ma hux kolpit bl-imsemmija Konvenzjoni) minn Florida ghal Malta, izda kienet addirittura giet Malta biex tara lil uliedha, ma ghamlet xejn biex tehodhom lura, u in segwitu l-iskola fejn uliedha qed jistudjaw – Verdala International School – offritilha li tghallem fl-istess skola; u (ii) li jkun kontra l-interess edukattiv u psikologiku li l-istess Sam (li llum ghandu 14-il sena) jigi ritornat lura lejn l-Istati Uniti.

**4.** Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza gew sintetizzati fis-sentenza appellata. Din is-sentenza qed tigi riprodotta hawnhekk fl-intier taghha anke peress li minnha jirrizulta bic-car x'wassal lill-ewwel Qorti li tilqa' t-talba tad-Direttur u tirrespingi l-eccezzjonijiet ossia difizi avanzati mill-intimat (illum appellant) Burdge:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors li permezz taghha (recte: tieghu) r-rikorrent talab lill-Qorti biex tordna r-ritorn tal-minuri, gewwa l-Istati Uniti u taghti dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri, biex huwa jigi salvagwardjat milli jerga' jittiehed b'mod illecitu minn go Malta ghal xi pajjiz iehor;

"Rat ir-risposta ta' l-intimat;

"Rat il-verbali tas-seduta;

"Rat iz-zewg noti ta' sottomissjonijiet ta' l-1 ta' Gunju 2007 u tal-11 ta' Gunju 2007 rispettivament;

“Semghet ix-xhieda kompriz il-minuri imsemmi;

“Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu dawn. L-intimat huwa mizzewweg lil Julia Burdge u kellhom tlett itfal, wiehed minnhom Sam li ghandu 14-il sena u dwaru hija din il-vertenza. Minn ftit taz-zmien l’hawn ir-relazzjonijiet bejniethom ma tantx kienu tajbin u f’Lulju 2006 l-intimat gie jghix Malta mill-Istati Uniti fejn dejjem ghexu l-konjugi Burdge u uliedhom, u mieghu gab zewgt itfal fosthom Sam. Ma jidhirx li dak iz-zmien Julia Burdge opponiet ghal dan, ghalkemm fl-affidavit taghha qalet li hija kienet imbezza’ minn zewgha. Minn dak iz-zmien pero` zaret Malta u kellha access ampju ghall-minuri. Jidher li pero` maz-zmien ir-relazzjoni bejn il-mizzewgin marret ghall-aghar u anke sfumat il-possibilta` li huma jiddivorzjaw bonarjament. Billi ghalhekk it-tfal bhalma jigri s-soltu gew fic-centru ta’ dan l-inkwiet, Julia Burdge talbet lir-rikorrenti biex jibda l-proceduri skond il-Kap. 410 u awtorizzatu jibda l-istess proceduri.

“Allura ir-rikorrent wara illi illokalizza lill-minuri u lill-intimata [intimat] beda appuntu l-proceduri in kwistjoni taht l-Att numru XIII tal-1999.

“Skond l-Artikolu 3 ta’ l-ewwel skeda ta’ dan l-Att ir-rimozzjoni jew ritenzjoni ta’ minuri titqies bhala illecita meta *dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta’ kustodja vestit f’persuna .. taht ligi ta’ l-istat fejn il-minuri kienu soltu joqghodu minnufih qabel ir-rimozzjoni jew fil-waqt tar-rimozzjoni jew tar-ritenzjoni dawk id-drittijiet attwalment esercitati jew konguntivament jew singolarment jew kienu jkunu hekk esercitati kieku ma kienx ghar-rimozzjoni jew ritenzjoni.* L-artiklu 4 jghid illi l-konvenzjoni tapplika wkoll *ghal kull minuri li kienu soltu joqghodu fi stat kontraenti minnufih qabel ikunu inkisru d-drittijiet ta’ kustodja jew access.* F’dan il-kaz ma hemmx ghalhekk dubbju li l-Att japplika billi qabel ma l-minuri ingieb u inzamm Malta d-

drittijiet ta' kustodja kienu f'idejn il-partijiet mizzewga konguntivament kif ipprova r-rikorrenti permezz tad-dokumenti esebiti u senjatament dwar il-ligi applikabbli fl-istat ta' Florida fejn kienu jghixu l-konjugi Burdge.

"Il-Qorti thoss li dan huwa kaz ta' ritenzjoni illecita u mhux ta' rimozzjoni ghaliex fil-mument li l-minuri ngieb Malta l-omm kienet konsenzjenti, nonostante dak li allegat fl-affidavit taghha ghaliex ma thossx li dak li allegat huwa verosimili – certament kellha l-mezzi necessarji biex ma thallix lil zewgha jgib it-tifel Malta kontra l-volonta` taghha.

"Fil-fehma tal-Qorti l-unika difiza ta' sustanza li seta' jqajjem l-intimat hija l-fatt li l-minuri meta mistoqsi mill-Qorti *in camera*, stqarr li huwa kuntent Malta u jidher li sejjjer anke tajjeb hafna l-iskola. L-istess Att imsemmi fl-Artiklu 13 ta' l-Ewwel Skeda jipprovdi illi;

""Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel, l-awtorita` gudizzjarja ... m'hijiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk ...

(b) ikun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih ghal dannu fiziku jew psikologiku jew inkella jqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

L-awtorita` gudizzjarja .. tista' wkoll tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri joggezzjona ghar-ritorn tieghu u jkun lahaq eta` u levell ta' maturita` li jkun tajjeb li wiehed jaghti kaz tal-fehmiet tieghu."

"Il-Qorti kif jirrizulta mill-process semghet *in camera* lill-minuri illi llum ormai ghandu erbatax-il sena fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2007 u dan kif gia` imghad qal li hu kuntent Malta. Ghalkemm pero` jidher li ghandu element sostanzjali ta' maturita` f'dan il-kaz jidhlu elementi ohrajn importanti anke fuq l-iskorta ta' decizjonijiet moghtija minn Qrati barranin fuq din il-konvenzjoni.

"L-intimat meta gie kontro ezaminat, qal li fi hsiebu jiehu t-tfal fir-Repubblika Dominikana fil-futur ghaliex jixtieq li jghix fil-Karibbew. Ghalhekk hija cara l-intenzjoni tieghu li

jerga' jiehu t-tfal fejn jidhirlu hu, minghajr ma jqis x'tixtieq l-omm. Il-Qorti ma hijiex se tidhol fil-kwistjoni ta' min hu l-ahjar mill-genituri biex irabbi lill-minuri ghaliex din m'hijiex il-kwistjoni. Dik il-kwistjoni tista' tigi deciza biss mill-Qorti kompetenti u f'dan il-kaz hija l-Qorti ta' l-istat ta' Florida fejn kienu jghixu ghal hafna snin il-konjugi Burdge (qabel ma l-intimat iddecieda li jigi Malta inqas minn sena ilu) u fejn ghadha tghix l-omm. Jekk l-intimat jibqa' jinghata l-opportunita` biex jitlaq bit-tifel minn post ghal iehor, il-proceduri li suppost jittiehdu jdumu ma jibdew u jigu intralcjati. L-iskop tal-kovenzjoni in ezami huwa appuntu biex jigi evitat dan u cioe` li hadd mill-genituri ma jiehu l-ligi f'idejh u jahrab mill-iskrutinju tal-Qorti kompetenti.

"Hija rilevanti hafna l-osservazzjoni tal-Qorti ingliza msemmija fin-nota tar-rikorrenti fil-kaz deciz mill-Imhallef Johnson, li qal li *The general principle is that in the ordinary way any decision relating to the custody of the children is best decided in the jurisdiction in which they have normally resided. The general principle is an application of wider and basic principle that the child's welfare is the first and paramount consideration.*

"Huwa evidenti wkoll – u dan hu importanti hafna li jigi sottolineat – illi l-ligi dejjem issemmi **l-ahjar interess tal-minuri** u dan mhux necessarjament **dak li jrid il-minuri**. Kieku kien hekk ma hemmx bzonn ta' Qrati biex jiddeciedu l-futur tat-tfal sija f'kazi simili u sija f'kazi domestici fejn jigu decizi l-kustodja u access fir-rigward tal-minuri ghaliex kull ma wiehed ghandu jaghmel huwa li jistaqsi lill-minuri!

"Il-Qorti ghalhekk fil-waqt li thoss illi ma hemmx dubbju li l-intimat qieghed jiehu kura tajba tal-minuri, il-kustodja u kura tieghu ghandha tigi determinata mill-Qorti ta' Florida fejn il-minuri ghex sa Lulju 2006.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna r-ritorn tal-minuri Sam Burdge lejn l-Istati Uniti; l-ispejjez tal-proceduri jkunu bla taxxa."

**5.** Fir-rikors ta’ appell tieghu tat-18 ta’ Gunju 2007, l-appellant Christopher Burdge igib ’l quddiem zewg aggravji, liema aggravji jirrispekkjaw iz-zewg “difizi” minnu avvanzati quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel aggravju hu fis-sens illi, ghalkemm huwa jaqbel li dan ma hux kaz ta’ “rimozzjoni” illecita, ma jistax jaqbel li hawn si tratta ta’ “ritenzjoni” illecita, u dan peress li martu kienet giet Malta f’Novembru 2006 u mhux biss ma ghamlet xejn biex tiehu lil uliedha lura, izda zaret l-iskola fejn huma qed jitghallmu hawn Malta u “kien hemm rikjesta mill-istess skola halli din Julia tibda tghallem hemmhekk…”. Skond l-appellant, ghalhekk, martu accettat ukoll dana l-istat ta’ fatt li huma kienu Malta. Fi kliem l-istess rikors ta’ appell: *“…l-istess martu accettat dana l-istat ta’ fatt tant li giet tara lil uliedha hawn Malta u segwiet l-andament taghhom hawn Malta. Meta ghogobha mbaghad ipprevaliet mill-Konvenzjoni. L-ghan tal-Konvenzjoni certament m’huwiex dan, izda li wiehed jiskatta dawn il-proceduri b’mod immedjat halli meta jkun hemm problemi ta’ kura u kustodja dawn jigu vventilati quddiem il-Qorti kompetenti fil-pajjiz fejn il-familja tkun ghexet u tkun iddomiciljata. F’dan il-kaz ma garax hekk. F’dan il-kaz l-ewwel kollox mexa harir bil-mara Julia Burdge tikkonsentixxi jew takwixxi ghal dak kollu li kien sehh. Meta mbaghad aggravaw il-problemi bejnha u bejn zewgha skattat din il-procedura meta deherilha u wara li l-istess minuri Sam kien sab saqajh hawn Malta…”*. It-tieni aggravju, pedissekwu ghall-ewwel wiehed, hu fis-sens li tkun ta’ hsara ghal Sam li dana jerga’ jigi ritornat lura lejn l-Istati Uniti meta hemm provi cari tal-“clinical depression” li minnha tbati martu. Skond l-appellant l-ahjar interess tal-minuri huwa li jibqa’ hawn Malta.

**6.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha izda ma tarax li dawn iz-zewg aggravji jistghu jintlaqghu. Huwa minnu li f’Novembru 2006 mart l-appellant kienet Malta biex tara lil uliedha u ssegwi l-progress taghhom, izda dana l-fatt <u>gie sorpassat</u> bl-intromissjoni ta’ l-appellant, u l-ingerenza tieghu, fuq dawk li huma l-kuntatti <u>liberi u bla xkiel</u> li Julia, bhala persuna li ghandha *joint custody* tat-tfal, ghandha d-dritt li jkollha ma’ wliedha, kif ukoll – <u>u aktar serjament</u> – bil-fatt ammess mill-istess appellant fid-

deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti (kif jinghad fis-sentenza), li l-hsieb tieghu hu li jiehu t-tfal fir-Repubblika Dominikana. Malli l-appellant, minn aktar kmieni din is-sena, beda jostakola l-kuntatt liberu u bla xkiel bejn it-tfal u ommhom, <u>u intima li bi hsiebu jitrasloka lejn pajjiz iehor minghajr il-kunsens ta' l-omm</u>, <u>ir-ritenzjoni f'Malta ta' Sam saret wahda illecita</u> ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni in dizamina. Hu evidenti mill-*emails* ta' l-appellant, inkorporati fl-affidavit ta' martu, li l-animozita` u ostilita` li huwa ghandu lejha qed iwassluh biex jaghmel minn kollox halli jbarriha minn hajjet it-tfal (hekk, ara l-*email* tat-3 ta' Mejju 2007), u dan, ovvjament, bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja li hija ghandha. Sinjifikanti huwa dana il-kliem, fl-*email* tat-30 ta' April 2007: *"There will be a hearing here in Malta in mid-May to hash this out. Regardless of what happens neither Sam nor Beau will ever forget what you have done. They are not children anymore and like I did to my mother for her actions you will be banished from their lives especially when they have families of their own. No one will tell them to do this. They will do it out of the painful memories of betrayal they have experienced from the attack on their freedom by someone that claims to care for them. Just look at my mother now and you have a glimpse of how you will end up in the future. Alone ostracized by her children and at the mercy of others for hand outs…"*. Fi kwalunkwe kaz, l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jghid li l-awtorita` gudizzjarja ta' l-Istat rikjest "m'hiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri" ("is not bound to order the return" fit-test ingliz) <u>u mhux</u> "m'ghandhiex tordna r-ritorn tal-minuri". Il-kliem tal-konvenzjoni, ghalhekk, jaghtu element ta' diskrezzjoni lill-Qorti anke fl-ipotesi li kien hemm originarjament il-kunsens jew l-akwijixxenza u sussegwentement kien hemm semplicement bdil ta' fehma fil-persuna li kienet akwijixxiet jew akkonsentiet. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti hi tal-fehma, li anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kien hemm dan is-semplici bdil ta' fehma, id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata favur ir-ritorn. Huwa evidenti li l-kustodja tal-minuri Sam (u possibilment ukoll ta' huh il-kbir) x'aktarx li tkun "a bone of contention" fid-divorzju bejn l-appellant u martu, u huwa ghalhekk importanti li l-minuri jkun fil-gurisdizzjoni tal-qorti

kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba ghal tali divorzju, aktar u aktar meta oggettivament l-istess minuri (u huh u missieru) ma ghandu ebda rbit, ta' familja jew xort'ohra, ma' Malta. Jizdied jinghad li dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni l-awturi Beamont u McEleavy, fil-ktieb taghhom ***The Hague Convention on International Child Abduction*** (OUP, 1999) ighidu hekk:

**"The exercise of discretion following a finding of acquiescence has passed in the majority of cases with little incident. The sole issue in question pertains to the criteria which will motivate that decision. In *Re A. (Minors) (Abduction: Custody Rights)(No. 2)* the English Court of Appeal affirmed that a child's welfare could be taken into account but this would have to be considered independently of the requirements of Article 13(1)(b). Five additional factors were identified by Waite J in *W. v. W. (Child Abduction: Acquiescence)* as meriting consideration: the choice of forum, the potential result of substantive proceedings in whichever forum was chosen, the consequences of the acquiescence, the material situation facing the child and abductor upon their return and the overall effect on the Convention of not making an order for return. He decided that each should not be assessed in a rigid, mathematical manner; rather a decision should be made on the overall impression that has been gained from the evidence."** [3]

**7.** Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti fil-verita` ftit li xejn ghandha xi zzid ma' dak li qalet l-ewwel Qorti. Fil-kaz in dizamina certament ma jistax jinghad li jekk Sam jigi ritornat lura lejn l-Istati Uniti ikun hemm "riskju kbir" li dan ir-ritorn "jesponih ghal dannu fiziku jew psikologiku" jew inkella jqeghdu "f'sitwazzjoni intollerabbli". Huwa minnu li l-Qorti ghandha – u hekk sar mill-ewwel Qorti – tiehu in konsiderazzjoni l-fehmiet tal-minuri jekk dan ikun ta' eta` u livell ta' maturita` "li jkun tajjeb li wiehed jaghti kaz tal-fehmiet tieghu". Pero` tali fehmiet ma humiex

[3] Page 127.

determinanti. Kif inghad mill-*Court of Session* ta' l-Iskozja fil-kaz ***P.W. v. A.L. or W.*** (deciz fit-12 ta' Gunju 2003 – sedenti The Lord President, Lady Cosgrove u Lord Johnston)

**"If the court is satisfied that the child objects to being returned, has attained an age and suitable degree of maturity, and that it is appropriate to take account of his views, it then has to decide whether it is prepared to exercise its discretion to refuse to order the child's return. That there is a discretion is plain from the article itself which provides that, notwithstanding the provisions of art. 12 which require in mandatory terms that the child wrongfully abducted is to be returned, the court 'may also refuse to order the return' if there is a valid objection by the child. The child's views are never determinative: the final decision as to return must be the court's own…A balancing exercise requires to be carried out, and one of the factors which are to be placed in the balance in favour of return is the spirit and clear purpose of the Convention which is to leave it to the court of habitual residence to resolve the parental dispute."** (at 21).

**8.** Fic-cirkustanzi li jirrizultaw mill-atti, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Jinghad biss – u dana semplicement b'zieda u ghall-finijiet ta' kjarifika – li l-offerta ta' xoghol lill-omm il-minuri mill-iskola ta' Sam f'Malta, li tant qed jaghmel enfazi fuqha l-appellant u jorbotha maz-zjara ta' martu f'Malta f'Novembru 2006, hija fil-verita` *email* mibughtha lilu <u>f'Marzu 2006</u> meta kien qed ifittex li jikteb lit-tfal tieghu fl-iskola (u allura qabel ma gie Malta f'Lulju 2006) fejn il-kap ta' l-iskola semplicement gibed l-attenzjoni tieghu (cioe` ta' l-appellant) hekk: *"I notice from one emial that your wife has a Ph.D. in Chemistry and has taught in the past. I am looking for a teacher of IB Chemistry and IGCSE Combined Science. I wondered whether she might be interested in a post at Verdala. Please would you be kind enough to let her know that there is a vacancy and if she would like to pursue the*

*matter further to please get in touch with me."* Evidentement il-kap ta' l-iskola kien qed jassumi li l-appellant gej Malta bit-tfal ma' martu!

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tal-15 ta' Gunju 2007. L-ispejjez ta' dina l-istanza jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------